Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2005

Numru 1056/2004

Il-Pulizija
(Sp Joseph Hersey)
vs
Robert Brincat, iben Henry,
Identity Card no. 107973(m)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-27 ta' ġunju, 2004 għal ħabta tal-11.45 p.m. fi Triq ix-Xatt, Gżira saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBD 407 –
1. b'manjiera perikoluża;
2. ssaq jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta' l-imsemmija vettura fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minħabba xorb jew droga;
3. talli rrifjuta jew naqas milli jagħti skond il-liġi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina;

4. saq l-istess vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terżi persuni;
5. talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tajjar lil Karen Pace u involontarjament ikkaġunalha offiżi ta' natura gravi per durata skond kif iċċertifika Dr. Clifford Caruana ta' l-Isptar San Luqa.
Il-Prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tas-sewqan.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju, 2005 fejn il-Prosekuzzjoni rtirat din il-kawża għaliex hemm kawża oħra fl-istess ismijiet u bl-istess meritu.

Għaldaqstant, in vista ta' din id-dikjarazzjoni tiddikjara l-proċediment eżawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------